Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B

REGOLAMENT TA' DELEGA TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1394/2014

tal-20 ta' Ottubru 2014

li jistabbilixxi pjan tar-rimi għal ċertu sajd għal ħut pelaġiku fl-ilmijiet tal-Lbiċ

(ĠU L 370, 30.12.2014, p. 31)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/2377 tal-14 ta' Ottubru 2016	L 352	50	23.12.2016

▼B

REGOLAMENT TA' DELEGA TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1394/2014

tal-20 ta' Ottubru 2014

li jistabbilixxi pjan tar-rimi għal ċertu sajd għal ħut pelaġiku fl-ilmijiet tal-Lbiċ

Artikolu 1

Ambitu

Dan ir-Regolament jispeċifika d-dettalji għall-implimentazzjoni tal-obbligu tal-ħatt, kif hemm ipprovdut fl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, mill-1 ta' Jannar 2015 fl-ilmijiet tal-Lbiċ, kif definit fl-Artikolu 4(2)(d) ta' dak ir-Regolament, fis-sajd stabbilit fl-Anness għal dak ir-Regolament.

Artikolu 2

Eżenzjoni ta' sopravvivenza

B'deroga mill-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, l-obbligu tal-ħatt ma għandux japplika għal qabdiet ta' inċova, sawrell, kavalli żgħar u kavalli f'sajd artiġjanali bil-purse seine. Dawn il-qabdiet jistgħu jiġu rilaxxati jekk ix-xibka ma tittellax kollha abbord.

Artikolu 3

Eżenzjonijiet de minimis

B'deroga mill-Artikolu 15(1) tar-Regolament (EU) Nru 1380/2013, il-kwanitatijiet li ġejjin jistgħu jintremew:

(a) għall-istokkafixx (*Micromesistius poutassou*), sa massimu ta' 7 % fl-2015 u l-2016, u 6 % fl-2017, tal-qabdiet totali annwali tas-sajd industrijali bit-tkarkir għal ħut pelaġiku immirat għal dawk l-ispeċi fiż-żona VIII tal-ICES u l-ipproċessar ta' dawk l-ispeċi abbord biex tinkiseb bażi ta' surimi;

(b) sa massimu ta' 7 % fl-2015 u l-2016, u 6 % fl-2017 għall-alongi (*Thunnus alalunga*) tal-qabdiet totali annwali fis-sajd dirett lejn alongi bl-użu ta' xbieki tat-tkarkir tal-par fil-pelaġiku (PTM) fiż-żona VIII tal-ICES;

(c) sa massimu ta' 5 % fl-2015 u l-2016, u 4 % fl-2017, tal-qabdiet totali annwali fis-sajd bix-xbieki tat-tkarkir fil-pelaġiku għall-inċova (*Engraulis encrasicolus*), il-kavalli (*Scomber scombrus*) s-sawrell (*Trachurus* spp.) fiż-żona VIII tal-ICES;

(d) Fis-sajd bil-purse seine fiż-żoni VIII, IX u X tal-ICES u ż-żoni 34.1.1, 34.1.2 u 34.2.0 tas-CECAF li jimmiraw l-ispeċijiet li ġejjin: sa massimu ta' 5 % fl-2015 u l-2016, u 4 % fl-2017, tal-qabdiet totali annwali tas-sawrell (*Trachurus* spp.) u l-kavalli (*Scomber scombrus*); u sa massimu ta' 2 % fl-2015 u l-2016, u 1 % fl-2017, tal-qabdiet totali annwali tal-inċova (*Engraulis encrasicolus*).

▼B

Artikolu 4

Daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni

Id-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni għall-inċova (*Engraulis encrasicolus*) maqbuda fis-sub-żona IX tal-ICES u ż-żona 34.1.2 tas-CECAF għandu jkun ta' 9 ċentimetri.

▼M1

B'deroga mill-Anness XII tar-Regolament (KE) Nru 850/98, id-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni għas-sawrell (*Trachurus* spp.) li jinqabdu fid-Diviżjoni VIIIc tal-ICES u fis-subżona IX tal-ICES għandu jkun ta' 12-il cm għal 5 % tal-kwoti rispettivi ta' Spanja u tal-Portugall f'dawk iż-żoni. Fi ħdan dak il-limitu ta' 5 %, fis-sajd bit-tartarun artiġjanali "xávega" fid-Diviżjoni IXa tal-ICES, 1 % mill-kwota tal-Portugall jistgħu jinqabdu b'daqs ta' inqas minn 12-il cm.

▼B

Artikolu 5

Dħul fis-Seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2015 sal-31 ta' Diċembru 2017.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

ANNESS

Sajd suġġett għad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament li jimplimenta l-obbligu tal-ħatt

1. Sajd fiż-żona tal-ICES VIII:

Kodiċi	Irkaptu tas-sajd tal-pelaġiku	L-ispeċijiet fil-mira tal-kwota
PS	Purse seines	Sawrell, kavalli, laċċ ikħal, inċova
PTM	Xbieki tat-tkarkir tal-par — fil-pelaġiku	Sawrell, kavalli, inċova, alongi
OTM	Għażel tat-tkarkir — fil-pelaġiku	Sawrell, kavalli, inċova, alongi, stokkafixx
LHM/LTL/BB	Xlief u bastu (mekkanizzati), dgħajjes tal-lixka, konz tat-tirjix	Alongi, kavalli

2. Sajd fiż-żona tal-ICES XX:

Kodiċi	Irkaptu tas-sajd tal-pelaġiku	L-ispeċijiet fil-mira tal-kwota
PS	Purse seines	Sawrell, kavalli, inċova
LHM/LTL/BB	Xlief u bastu (mekkanizzati), dgħajjes tal-lixka, konz tat-tirjix	Alongi, kavalli
LL	Konz	Alongi
GND/SB	Sajd artiġjanali	Sawrell

3. Sajd fiż-żona tal-ICES X:

Kodiċi	Irkaptu tas-sajd tal-pelaġiku	L-ispeċijiet fil-mira tal-kwota
LHP/BB	Dgħajjes tal-lixka	Alongi
LLD	Konz	Alongi
PS	Sajd artiġjanali bil-purse-seine	Sawrell tat-tip jack mackerel

4. Is-sajd f'żoni tas-CECAF 34.1.1, 34.1.2, 34.2.0:

Kodiċi	Irkaptu tas-sajd tal-pelaġiku	L-ispeċijiet fil-mira tal-kwota
PS	Purse seines	Sawrell tat-tip jack mackerel
LHP/BB	Xlief, dgħajjes tal-lixka u kon tat-tirjix (imħaddma bl-idejn)	Alongi
LLD	Konz	Alongi